Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9169 — Caisse des dépôts et consignations/Swiss Life/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 31/10)

1. Fis-17 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza),

— Swiss Life REIM, li tappartjeni għall-grupp Swiss Life ("Swiss Life", l-Iżvizzera),

— il-Mira (il-joint venture, "JV", Franza).

Il-CDC u Swiss Life jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDC: stabbiliment pubbliku li jwettaq attivitajiet ta' interess ġenerali, li partikolarment jikkonsistu fil-ġestjoni ta' fondi privati li għalihom l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jixtiequ jipprovdu protezzjoni partikolari, u attivitajiet miftuħin għall-kompetizzjoni fis-setturi tal-ambjent, tal-proprjetà immobbli, tal-investiment u tal-kapital ta' investiment kif ukoll tas-servizzi;

— Swiss Life: joffri lill-klijenti privati u lill-impriżi, konsulenza dinjija kif ukoll firxa wiesgħa ta' prodotti fis-setturi tal-ħarsien mir-riskju u tal-assikurazzjoni tal-ħajja, permezz tan-network tiegħu ta' aġenti, sensara u banek;

— il-JV: proprjetà immobbli li trid tinbena għall-użu ta' istituzzjoni tas-saħħa li tinsab fi Bracon (id-dipartiment ta' Jura, Franza), soġġetta għal kuntratt ta' kera fl-istat futur ta' tlestija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9169 — Caisse des dépôts et consignations/Swiss Life/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.